# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)

***Drogi 263/1999***

***Pulizija***
***Spettur Sandro Gatt***
***vs***
***Bajjada Kenneth***

Illum 25 ta Jannar 2002

Il-Qorti,

Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuza dedotta kontra l-imputat hija bazati fuq ir-reati ta' **Pussess Illegali** tar-**Raza mehuda mill-pjanta cannabis u traffikar fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis.**

Illi l-imputat ammetta l-ewwel l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant din tinstab sodisfacentement provata skond il-ligi.

Rigward it-tieni akkuza il-Qorti tirrileva li dan huwa kaz fejn erba' zghazagh iddecidew li jixtru d-droga u jehduha flimkien u fid-dawl ta' l-insenjament ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kaz ta' il-Pulizija vs Ryan Galea, il-Qorti hi tal-fehema li r-reat tat-traffikar li fuqu hija bazata it-tieni akkuza ma jikkonfigurax. Ghaldaqstant din it-tieni akkuza ma tistax treggi.

In propositu ghall-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta' l-imputat u thoss opportun li f' dan il-kaz takkorda l-liberta' kondizzjonata.

Ghal dawn il-mottivi issib lill-imputat hati skond l-ewwel akkuza ai termini tar-regolament 8 GN 292/39 u Regolament 5 tal-AL 22/85; izda tilliberah bil-***kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tnax-il xahar*** skond l-artikolu 9 kapitolu 152. Ma ssibux hati tat-tieni akkuza u tilliberah minnha.

Il-Qorti spjegat lill-imputat is-sinifikat u l-import ta' l-imsemmi provvidiment

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***